# Il-Ġublew tad-Djamanti tal-Qniepen tagħna

## (1948 – 2008)



*Silta minn artiklu li deher f'*"IS-SIĠĠIEWI" *f'Ġunju 1988, f'għeluq il-ġublew tad-deheb tal-qniepen, minn* **Kenneth Cauchi**, *Rappreżentant għal Malta tal-Fonderija* "John Taylor Bellfounders" *ta' Loughborough, fl-Ingilterra.*

**Sittin sena ilu, is-Siġġiwin ordnaw sett ta' ħames qniepen imdaqqsa u mill-isbaħ fuq skala *La be molle*, mingħand l-akbar fonderija tad-dinja, il-famuża *John Taylor* ta' Loughborough, l-Ingilterra. Is-sett li din il-fonderija forniet għall-parroċċa ta' San Nikola ma kienx xi eċċezzjoni f'dak li huwa kobor għax Taylor huma magħrufa għal numru kbir ta' qniepen enormi li fondew madwar id-dinja.**

Wara li ntgħażlet il-fonderija *John Taylor & Co Founders,* fis bdew isiru kuntatti ma' l-aġenti lokali ta' dak iż-żmien li kienu l-EMEC u mad-direttur tal-fonderija, il-mibki Paul Taylor. Hekk kif sar il-kuntratt għal dan l-ewwel sett ġdid għal Malta, kibru bis-sħiħ l-ordnijiet u fis-sena 1946, il-fonderija kellha diġà ordnati tnax-il qanpiena, imxerrdin ma' Malta. Fl-1947 batta ftit ix-xogħol iżda fl-1948 *Taylor* fondew ħamsa u għoxrin qanpiena għal Malta, li kienu 5 għall-parroċċa tas-Siġġiewi, 14 għall-parroċċa ta' San Girgor ta' Tas-Sliema, 6 għall-parroċċa ta' San Duminku l-Belt u 4 qniepen oħra għall-kappella ta' Santa Luċija, f'Kerċem, Għawdex.

Il-bżonn ta' sitt qniepen xierqa għas-Siġġiewi kien ilu jinħass sa minn meta parroċċi msemmija bdew iġibu s-settijiet il-kbar. Il-qniepen antiki kienu tilqita ta' diversi fondituri differenti. Il-kbira kienet ġiet fonduta f'Messina fl-1728 u swiet 146 skud [1] u ġiet ikkonsagrata fid-19 ta' Ġunju ta' l-istess sena mill-Isqof ta' Malta Paulo Alpheran de Bussan.

Fit-28 ta' Novembru 1734 l-istess Isqof ikkonsagra żewġ qniepen oħra: il-fustanija magħrufa bħal Pasqualina għall-benefattur li ħallas għaliha, is-Sur Pasquale Dingli, u lil dik aktarx Sant'Anna li kienet tintuża għall-arloġġ u li kienet inġabret mill-flus tas-Siġġiwin.

Iż-żgħira mill-ħamsa kienet tintuża għall-quddies.

L-unika qanpiena li ħelsitha mill-mewt kienet dik *Tal-Mewt,* fonduta fis-seklu sbatax minn Pietru Sances u fuqha għadek issib skrizzjoni bil-Latin li tgħid: *Opvs Petri Sances*

**Il-prezz totali tal-qniepen ġodda kellu jkun ta' 3,750 lira sterlina[2] filwaqt li l-prezz biex il-fonderija tkun tista' tagħmel l-iskrizzjonijiet fuq il-qniepen kellu jkun ta' 9 liri sterlini u 17-il sold[3].** Fil-fatt, ma' l-ordni saret ukoll ordni għall-iskrizzjonijiet ta' fuq il-qniepen u hemm imniżżel li l-ordni hija għal 197 ittra għall-prezz ta' sold (4 milleżmi = €0.001) kull ittra.

Il-qniepen il-qodma ttieħdu Loughborough fejn ġie analizzat li jiżnu 2 tons 18 cwts 3qrts 13lbs. Ta' dan il-parroċċa rċeviet is-somma ta' 499 lira sterlina u 17-il sold (£499.1s 5d); liema somma tnaqqset mis-somma totali ta' 3759 lira u 17-il sold. Dan kollu huwa dokumentat f'kont mibgħut mill-fonderija Taylor, nhar il-Ħamis 17 ta' Marzu 1949 lir-Rev. J. Aquilina[4] ta' 30 Middle Street, Siġġiewi.

**Il-kuntratt tal-qniepen il-ġodda ġie ffirmat nhar il-Ħamis 19 ta' Jannar 1948. L-ordni kienet għal sett ta' 5 qniepen għall-akkordju in *La Be molle (A flat)* mogħtija minn Mons. Ghigo, bil-kunsens tas-Surmast Paolo Nani u aċċettata bil-konferma ta' l-ordni datata l-Ħamis 19 ta' Frar 1948 u mibgħuta lil Dun Ġużepp Aquilina nhar il-Ġimgħa 19 ta' Novembru 1948, kompluti bit-travi u l-ilsna u ppakkjati u mibgħuta CIF Malta.** *Road Transport Carriage* kellu jitħallas lill-*F. Shed, South West India Dock*, London, biex jitgħabbew ilkoll fuq il-vapur *S/S Pacific Ranger*. It-*trailer* kellu jkun immarkat bħala SIĠĠIEWI MALTA – 1/11.

Kif normalment jiġri ma' ordni ta' qniepen ta' din ix-xorta, il-fondatur dejjem iżur lill-parroċċa li tagħha jkun ser jagħmel il-qniepen. Is-Sur Taylor żar is-Siġġiewi nhar it-Tlieta 20 ta' April 1948 fejn tela' fil-kampnar fejn kienu ser jitqiegħdu l-qniepen il-ġodda.

**Dun Ġużepp Aquilina flimkien mal-Kappillan Dun Franġisku Saverju Mangion siefru nhar l-Erbgħa 16 ta' Ġunju 1948 sa jum it-tfondija tal-qanpiena l-kbira, fil-festa ta' San Ġwann li ħabat nhar il-Ħamis 24 ta' Ġunju.**



Nhar il-Ħamis 8 ta' Lulju1948 Paul Taylor kiteb lil Dun Ġużepp Aquilina fejn informah li l-qanpiena nħarġet mill-forma u ttieħdet fuq it-torn biex tiġi intonata. Il-qniepen telqu mill-fonderija nhar l-Erbgħa 10 ta' Novembru 1948 u f'ittra li Taylor kiteb lil Dun Ġużepp qallu:

*"At last NICOLINA and family have left their birthplace and by now will be safely tucked away in the hold of S.S. Pacific Ranger. She will sail direct to Malta so it should not be many days before you see your bells safely installed in their permanent home...the bells were all erected in our Works here and rung and they sounded truly magnificent. We in Loughborough have done our best and the result, although I say it myself, is worthy of your beautiful church."*

**L-entużjażmu tal-poplu tas-Siġġiewi kien kbir meta mar jilqa' l-vapur fil-port nhar l-Erbgħa 24 ta' Novembru, proprju erbatax-il ġurnata wara t-tluq tagħhom minn Loughborough, u ħames xhur mit-tfondija tal-kbira.**

Il-baħrin tal-*Pacific Ranger* ma ridux iniżżlul-qniepen minn fuq il-vapur jekk ma jitħallsux u l-prokuratur, mas-Sur Carmelo Scicluna s-Sagristan u s-Sur Ġanni Micallef *Tal-Pasiġġier,* marru fuq il-vapur.

Meta l-barkun wasal ix-xatt ma kellhomx biex jerfgħu l-kbira minn fuqu għal fuq it-trakk, u kellu jkun għalll-krejn tas-Servizzi Ingliżi li refagħha. Meta waslu s-Siġġiewi, il-krejn li kien qed jerfa' l-kbira minn fuq it-trakk beda jogħla minn wara, allura kemm irġiel kien hemm telgħu fuq wara bħala kontra piż.

**Il-qniepen ġew ikkonsagrati nhar il-Ħadd 28 ta' Novembru mill-Isqof Emmanuel Galea, Vigarju Ġenerali, u ssemmew hekk:**

**NICOLINA, b'dijametru ta' 6 piedi u 3 pulzieri (1.95m), b'nota ta'** ***La be molle (A flat)*** **u tiżen 4,092 kgs li jiġu 4 tunnellati skorruti jew 51 qantar.**

**MARIA, b'edijametru ta' 4 piedi u 11-il pulzier (1.5m) b'nota ta'** ***Do naturali (C natural)*** **u tiżen 1,984 kgs li ġibu kważi 25 qantar.**

**JOSEPHA, b'dijametru ta' 4 piedi u 2 pulzieri (1.27m)** ***b'nota ta' Mi be molle (E flat)*** **u tiżen 1,246 kgs li jġibu 16-il qantar.**

**PETRINA, b'dijametru ta' 3 piedi u pulzier (0.94m) b'nota ta'** ***La be molle(A flat) u tiżen 498 kgs*** **li jġibu kważi 6.2 qnatar.**

**PAWLINA, b'dijametru ta' 2 piedi u 6 pulzieri (0.78m), b'nota ta'** ***Do naturali (C natural)*** **u tiżen 265 kgs li jġibu kważi 3.3 qnatar.**

Hija ferm ħasra li meta jkollok sett qniepen bħal dawn maż-żmien neħduhom *for granted* u ma nibqgħux napprezzawhom u nagħtuhom l-attenzjoni li jeħtieġu; hija wkoll ħaġa li tweġġagħni li nara ż-żewġ qniepen iż-żgħar – Petrina u Pawlina – jindaqqu dejjem fuq naħa waħda, b'ħafna mis-sbuħija tagħhom mitlufa.

**Illum il-qniepen ilhom sittin sena fil-kampnari tal-parroċċa tas-Siġġiewi u leħenhom għadu sabiħ u qawwi daqs kemm kien ġewwa l-fonderija. Nitgħaxxaq nismagħhom minn *Tas-Sejba,* fl-Imqabba, jew min-naħa tal-Providenza. Ejjew flimkien niftakru kemm swew għaraq biex saru u ttellgħu minn missirijietna u ilna ngawduhom sittin sena sħaħ.**

*(Ħajr lil Gerald Flatters ta' l-Informazzjoni li kisibli mill-Arkivji tal-Fonderija* JOHN TAYLOR BELLFOUNDERS).

1 Tnax-il skud = £1 Ingliża/Maltija. 146 skud = £12. 3s 4d = Lm12.16ċ 7m = €28.34.

2 €8,735.15

3 €21.13

4 Il-prokuratur tal-knisja, li baqa' magħruf sa llum bħala Dun Ġużepp *Ta' Randa.*